MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 1146/2004

**Michael Debono Limited**

**vs**

**Lawrence Coleiro**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Mejju, 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u erbgha liri Maltin (Lm304.00) dovut skond numru ta' kambjali ffirmati mill-konvenut akkont tal-prezz ta' vettura tal-ghamla Toyota Corolla mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut, liema kambjali huma skaduti izda mhux imhallsa.

Is-socjeta attrici qed titlob ukoll il-hlas tal-imghax legali fuq l-istess somma mitluba, mid-data tal-kambjali relattivi sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13(b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk n-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ra n-nota tas-socjeta attrici fejn giet ceduta s-sorte izda nzamm ferm it-talba ghall-imghax fuq l-istess sorte sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll it-talba ghall-ispejjez.

Ghaldaqsatant it-Tribunal, filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu, jikkundanna lill-konvenut thallas lis-socjeta l-imghax kif mitlub fl-Avviz.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------